QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

SEDE CIVILI

MAGISTRAT: DR DENNIS MONTEBELLO B.A. LL.D.

SEDUTA TA' NHAR IL-GIMGHA 14 TA' DICEMBRU 2001

Avviz Nru:- 2234/98DM

John Mary u Josephine mizzewgin Sammut

vs

Josephine Debattista

Il-Qorti,

Rat l-avviz tal-attur ghall-kundanna tal-konvenuta sabiex tirrimedja ghall-hsarat fil-hajt divisorju tal-fond 'St. RitaA' Carmel Street, Birkirkara proprjeta tal-atturi, liema hsarat gew kagunati minn tixrib u umdita' provenjenti minn naha taghha tal-hajt divisorju tal-fond adjacenti 'Casa Joanne' Carmel Street, Birkirkara proprjeta taghha u dan kif jirrizulta minn certifikat tat-22 ta' Ottubru 1998 rillaxjat mill-Perit Mario Grech (Dok. A) oltre li tigi kkundannata thallas dani sofferti mill-atturi fl-imsemmi hajt tort ta' l-operat taghha.

Jigi dikjarat li l-ispejjes ghat-tiswija tal-hsarat u danni ohra sofferti ma jeccedux is-somma ta' Lm499.

Bl-ispejjez komprizi dawk ta' l-ittra legali tal-15 ta' Gunju 1998 u bl-ingunzjoni tal-konvenuta ghas-subizzjoni.

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet tal-konvenuta Josephine Debattista fejn eccepiet illi:

1 Bhala eccezzjoni premiliminari illi t-talbiet tal-atturi huma preskritti a tenur ta' artikolu 2153 tal-Kodici Civili;

2 It-talbiet tal-atturi ghadhom jigu michuda kemm fil-fatt kif ukoll fid-dritt u dana stante illi t-tixrib indikat fl-avviz tal-atturi mhux gej mill-propjeta tal-konvenuta u kif ukoll illi jekk jirrizulta mill-provi li jezistu xi hsarat fil-fond propjeta tal-atturi l-konvenuta mhix responsabbli ta' dawn il-hsarat;

3 Salv eccezzjonijiet ohra jekk ikun l-kaz.

Rat id-digriet tat-12 t'Ottubru 2000 fejn gie nnominat lil Joseph Ellul Vincenti bhala Perit Teknilu.

Rat ir-rapport tal- Perit Tekniku pprezentat fid-19 ta' Jannar 2001
Semghet ix-xhieda prodotti;

Rat id-dokumenti esebiti;

Rat l-atti kollha tal-process; u

Ikkunsidrat:-

Mir-rappport tal-perit tekniku illi l-Qorti qieghda taddotta u tghamel taghha, jirrizulta ampjament illi l-fond tal-atturi kien qieghed isofri danni u illi dawn id-

danni kienu gew esklussivament ikkawzati minn sistema ta' dranagg u madum fil-fond tal-konvenuta li kien qed jikkawza tixrib fil-fond tal-attur.

Infatti kif setgha jikkonstata l-istess perit il-konvenuta digia ghamlet ix-xogholijiet neccessarji biex tigi rimedjata l-kawza ta' dawn id-danni u l-istess perit ikkwantifika d-danni fis-somma ta' Lm400 (erba' mitt lira Maltin) li hija s-somma involuta sabiex jsiru x-xogholijiet illi huwa indika u elenka fil-paragrafu 6 (sitta) tar-relazzjoni tieghu.

Ghal dak li jirrigwarda l-eccezzjoni tal-preskrizzjoni ta'sentejn ikkontemplata mill-artikolu 2153 tal-Kodici Civili, dan it-terminu jibda jghaddi minn dik il-gurnata illi n-nuqqas tal-parti tkun tat lok  ghad-danni.

Izda meta l-kawza tad-danni tkun tikkonsisti f' istallazzjonijiet difettuzi, l-istess danni jibqu jiddekorru matul iz-zmien kollu li dik l-istallazzjoni tibqa diffettuza u ma tigix irrimedjata.

Ghaldaqstant f'kazijiet simili l-perjodu tal-preskrizzjoni jibda jiddekorri minn dik in-nhar li jsiru x-xogholijiet rimedjali u d-danni ma jibqux jigu kkawzati.

Billi jirrizulta illi x-xogholijiet rimedjali saru mill-konvenuta fil-mori ta' dan l-avviz, ma jistax jinghid illi l-azzjoni tal-attur giet preskritta peress illi l-fond tieghu kien sad-data tal-prezentata tal-avviz ghadu soggett u qieghed jsoffri d-danni provenjenti mill-fond tal-konvenuta..

Ghal dawn il-motivi filwaqt illi l-Qorti qieghda tirrespingi l-eccezzjoni preliminari tal-preskrizzjoni sollevata mill-konvenuta qieghda tilqa t-talba tal-atturi u filwaqt illi tiddikjara illi l-atturi effettivament sofrew hsarat fil-fond taghhom kagunati mit-tixrib u umidita' provenjenti mill-fond tal-konvenuta qieghda  tillikwida dawn il-hsarat fis-somma ta' Lm400 (erba' mitt lira Maltin) u konsegwentement qieghda tikkundanna lill-konvenuta sabiex thallas lill-atturi din is-somma ta' Lm400 (erba' mitt lira Maltin) hekk likwidata;

2234/98DM

Bl-ispejjez kontra l-konvenuta.

……………………… ……..

Magt. Dr D Montebello B A LLD

S. Farrugia
Dep/Reg
Civ21